# Imnedija l-kampanja 'Dog Training Made Easy'

Il-kelb hu l-ikbar ħabib tal-bniedem. F'pajjiżna hawn diversi għaqdiet li jaħdmu favur id-drittijiet tal-annimali, b'mod partikulari l-klieb. Fost dawn hemm id-Dogs Trust li dan l-aħħar nediet il-kampanja 'Dog Training Made Easy' waqt l-iSpring Fair tal-SPCA.

Il-Kap tal-Partit Nazzjonalista Simon Busuttil, flimkien mal-kelliem tal-PN dwar il-Ħarsien tal-Annimali Michael Gonzi, żaru din l-attività li saret f'Palazzo Parisio, in-Naxxar.

F'din il-fiera, li tiġi organizzata tliet darbiet fis-sena, kien hemm tpinġija u logħob għat-tfal, wirjiet mill-klieb u atmosfera sabiħa għall-familja kollha.

Barbara Cassar Torreggiani, voluntiera mal-SPCA, spjegat l-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva. Hi qalet li l-edukazzjoni hi l-għan prinċipali ta' din l-attività, minkejja li semmiet il-proġett ambizzjuż li jinbeda *Homing Centre* f'Ta' Qali. Dan il-post hu differenti minn santwarju, għax se jservi bħala post ta' tranżizzjoni għall-annimali, sakemm dawn isibu dar fejn jgħixu.

Hi tkellmet dwar l-importanza tal-kampanja 'Dog Training Made Easy'. Dan għaliex fost il-problemi li jkollha tiffaċċja l-SPCA, hemm il-fatt li ċerti individwi li jadottaw kelb, jeħduh lura minħabba li ma jkunux kapaċi jagħtuh l-aħjar taħriġ.

Fost dawk preżenti kien hemm uffiċjali tal-Animal Welfare li huma responsabbli mill-ambulanza tal-annimali u li tkellmu dwar il-każi ta' moħqrija li jiltaqgħu magħhom u li lkoll għandna nikkundannawhom.